# Ir-regolamenti tal-iskola tagħna:

# Kodiċi ta' Mġiba Tajba

Skola San Franġisk

Bormla

2022-2023


L-Imġiba hija l-mera
ta’ kull persuna
Johann Wolfgang Von Goethe

# *Werrej*


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 4 |
| L-Għan | 4 |
| Rinfurzar Pożittiv min-naħa tal-iskola | 5 |
| Responsabbiltajiet tal-istaff | 6 |
| Kriterji tal-imġiba tal-istudent | 7 |
| X'tistenna l-iskola mill-istudent | 7 |
| Imġiba li mhix aċċettabbli mill-iskola | 9 |
| X'tistenna l-iskola mill-ġenituri | 10 |
| Miżuri biex tinżamm l-ordni | 11 |
| L-Uniformi | 13 |
| Implementazzjoni tad-dokument | 14 |
| Dokumenti Ikkonsultati | 15 |
| Stqarrija tal-Missjoni | 16 |

## Introduzzjoni

Il-Kodiċi ta' Mġiba Tajba tal-iskola tagħna huwa bbażat fuq premjijiet, ftehim u diskussjonijiet. L-iskola hija komunità fejn ir-rispett reċiproku, il-koperazzjoni u t-tħaddim ta' valuri umanistiċi jkunu fatturi integrali.

Il-Kodiċi jaqbel mad-drittijiet u d-dmirijiet tal-partijiet kollha kkonċernati: l-amministrazzjoni, l-edukaturi, l-istudenti u l-ġenituri tagħhom. L-impjegati kollha tal-iskola għandhom iħossuhom responsabbli l-ħin kollu għall-imġiba tal-istudenti f'dak li jaraw u jisimgħu u għandhom jieħdu azzjoni immedjata f'każ ta' mġiba mhux xierqa. Għalhekk huma għandhom sehem importanti biex joħolqu ambjent li jrawwem u jsaħħaħ l-imġiba tajba u r-rispett reċiproku qalb il-membri kollha tal-komunità tal-iskola li hija magħmula mit-tim amministrattiv tal-iskola, l-edukaturi, l-istudenti, il-ġenituri, il-Kunsill tal-Istudenti, il-Kunsill tal-Iskola, persuni oħra u nies professjonali li jagħtu servizz lill-iskola.

**L-għan ta' dan hu:**

1) Li jkun hemm sens ta' armonija fl-iskola.

2) Li t-tfal u l-għalliema jkunu kuntenti flimkien.

3) Li t-tfal ikollhom ambjent tajjeb u san fejn huma jiġu mgħallma u edukati.

4) Li t-tfal jikbru billi jkunu responsabbli u jirrispettaw lil xulxin u li ma jkunx hemm differenzi bejniethom.

5) Li tikber il-koperazzjoni bejn id-dar u l-iskola.

6) Li tara li r-regoli tal-iskola jkunu mwettqa.

7) Li jgħin lill-għalliema kif għandhom iġibu ruħhom meta l-imġiba tal-istudent ma tkunx pożittiva.

Importanti li kulħadd; kemm l-istaff kollu tal-iskola, kif ukoll il-ġenituri u t-tfal japplikaw dak kollu li hu mniżżel f'dan il-kodiċi u jinkoraġixxu t-twettiq tiegħu.

## Implementazzjoni ta' dan id-dokument.

Il-kap tal-iskola tirriserva d-dritt li tirrevedi dan il-kodiċi meta tħoss il-bżonn tiegħu.

## Rinfurzar Pożittiv min-naħa tal-iskola

Bħala skola nistennew li t-tfal ikollhom manjieri tajba, għalhekk ħassejna li huma għandhom jiġu ppremjati għalihom.

· Tifħir spontanju mill-istaff permezz ta' stikers, punti, *tokens* u ċertifikati.

· Rapport pożittiv dwar l-istudent mibgħut lill-ġenituri mill-għalliema.

· Sistema ta' ċertifikati u tifħir verbali.

## Responsabbiltajiet tal-istaff

· Fl-ebda ħin il-klassi m'għandha titħalla waħedha.

· L-istaff għandu jirrispetta l-etika professjonali tiegħu kemm fl-iskola kif ukoll barra u jsegwi s-*Safeguarding Policy* tal-iskola (Appendiċi A).

· Fil-klassi, l-għalliema għandhom jinvolvu lill-istudenti fi proċess parteċipattiv biex jinħolqu *standards* għall-klassi waqt li jiżguraw li dawn ikunu konformi mar-regoli tal-iskola. Dan il-proċess jinkludi:

- il-ħolqien ta' sett ta' regoli bażiċi għall-klassi;
- lista tal-konsegwenzi li jġibu magħhom imġibiet xierqa kif ukoll mhux xierqa;
- diskussjoni bejn il-klassi, l-istudenti u l-amministrazzjoni tal-iskola fuq dawn il-listi li jagħmlu parti mill-Ftehim Għalliem-Student,
- wiri tal-Ftehim fil-klassi,
- implimentazzjoni tal-Ftehim, u reviżjoni regolari tal-Ftehim li jgħin lill-għalliema u l-istudenti biex jintegraw l-esperjenzi fi ftehim modifikat.

· L-għalliema għandhom iżommu bil-miktub il-mod kif iġibu ruħhom l-istudenti u fejn meħtieġ ifaħħruhom biex jiżguraw li dan il-għan jintlaħaq u ma jitħallatx max-xogħol akkademiku.

· F'każjiet ta' kkupjar waqt l-eżamijiet ikun hemm telfien ta' marki.

· Jirrappurtaw kull ksur jew suspett ta' ksur tad-drittijiet tat-tfal lid- *Designated Safeguarding Officer* tal-iskola biex jiskattaw il-proċessi kif deskritti f'dan id-dokument maħruġ mis-Segretarjat għall-iskola Nisranija: Agħfas hawn

## Kriterji tal-Imġiba tal-Istudent

L-imgiba tal-istudent hija mibnija fuq rispett lejh innifsu, lejn l-oħrajn, lejn l-iskola u lejn l-ambjent.

**L- iskola tistenna li l-istudenti:**

· Jattendu l-iskola u ma jfallux għalxejn.

· Ikunu fil-ħin—fit-7.35 a.m. l-aktar tard.

· Ma jistgħux jitilqu mill-iskola kmieni bla permess.

· Għandhom ikunu ndaf f'kemm persunithom kif ukoll fi ħwejjiġhom.

· Jilbsu l-uniformi kompluta u ma jintlibsux affarijiet ta' tiżjin jew fwejjaħ. Ix-xagħar tas-subien għandu jkun maqtugħ tajjeb mhux anqas min-numru 3 (9mm) fuq il-magna tax-xagħar u ma jintużax *hair gel.* Waqt li dak tal-bniet ikun miġbur u li jilbsu *hairband* ħamra. Il-bniet biss jistgħu jilbsu msielet żgħar sempliċi (*studs*) u mingħajr ħafna kuluri (*studs*).

· F'okkażjonijiet speċjali, it-tfal għandhom jiġu l-iskola bl-uniformi kompluta.

· Juru rispett lejhom infushom u lejn dawk li huma jiltaqgħu magħhom: fosthom l-għalliema u dawk kollha li b'xi mod ikunu qegħdin jgħinu lill-iskola.

· Ma jitkellmux ħażin jew jiġġieldu.

· Jagħmlu dak li tgħidilhom l-għalliema u jobdu r-regoli tal-klassi.

· Jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-klassi u tal-iskola.

· Ma jagħmlux storbju fil-kurituri tal-iskola u jsellmu lill-għalliema u l-istaff li jiltaqgħu magħhom.

· Iżommu l-iskola nadifa u jibżgħu għall-ambjent.

· Iġibu ruħhom sewwa waqt ħarġiet edukattivi.

· Juru rispett lejn kull membru fi ħdan il-komunità tal-iskola.

· Jagħmlu xogħolhom u l-istudju kollu u sew, kif ukoll il-qari.

· Issir it-tiswija qabel ma jinbeda x-xogħol. Xogħol bla Tiswija ma jiġix ikkoreġut.

· Joqogħdu kwieti biex jisimgħu meta xi ħadd ikun qiegħed jitkellem.

· Ma jtellfux fil-klassi.

· Jużaw manjieri tajba ma' kulħadd u kullimkien.

· Ma jġibux oġġetti li jkunu ta' periklu għalihom u għal sħabhom.

· Ma jużawx mezzi ta' komunikazzjoni li mhumiex aċċettabbli għall-età tagħhom.

· Jieħdu ħsieb il-kotba tal-iskola u materjal ieħor edukattiv u apparat li jingħata lilhom. Huma m'għandhom bl-ebda mod jgħarrquhom jew jagħmlu użu ħażin minnhom. L-iskola tista' titlob xi ħlas jekk dan isir.

· Ma jġibux ***mobile phones*** magħhom jew apparat ieħor bħal ***smart watches*** li jtellfuhom mit-tagħlim.

· Jużaw kontenituri li jistgħu jiġu riċiklati jew jerġgħu jiġu użati.

· Ma joħorġux mill-klassi mingħajr il-permess tal-għalliema.

<u>Imġiba mingħand l-istudenti li mhix aċċettabbli mill-iskola:</u>

· itellfu fil-klassi

· jagħmlu storbju żejjed

· juru nuqqas ta' rispett lejn l-għalliema u lejn studenti oħra

· jagħmlu xogħol bi traskuraġni

· jiġġieldu

· jużaw lingwaġġ mhux xieraq

· jilagħbu goff

· jibbuljaw lil xi ħadd

· iġibu ruħhom ħażin fuq it-trasport tal-iskola

## Responsabbiltajiet tal-Ġenituri

· Jimlew il-formoli tal-GDPD b'mod korrett.

. Jinfurmaw lill-iskola b'kull tibdil fin-numri tat-telefon tagħhom u fl-indirizz.

. Jikkoperaw u juru rispett lejn l-għalliema, lejn l-amministrazzjoni u dawk kollha li jaħdmu fl-iskola.

· Juru interess, jagħtu sapport, tifħir u inkoraġġiment lil uliedhom f'xogħolhom u fl-attivitajiet tal-iskola.

· Li jagħtu informazzjoni meħtieġa dwar is-saħħa ta' wliedhom u xi informazzjoni oħra li tkun utli u għall-ġid ta' uliedhom.

· Jagħtu attenzjoni liċ-ċirkularijiet li jinħarġu mill-iskola.

· Ikunu ta' eżempju tajjeb għal uliedhom b'mod xieraq fl-ilbies, fid-diskors u fl-imġiba.

· Jitolbu appuntament mal-Kap tal-Iskola jew it-tim amministrattiv jekk ikunu jridu jkellmu lil xi ħadd mill-istaff.

· Iżommu lura milli jkellmu lill-għalliema qabel u wara l-ħin tal-iskola, fl-iskola u barra mill-iskola.

· Jiddiskutu lmenti speċifiċi mal-Kap tal-Iskola mhux fil-preżenza tal-istudenti.

· M'għandhomx ipejpu waqt li jkunu qegħdin iwasslu lil uliedhom l-iskola kif ukoll meta jkunu fl-iskola.

· Jilbsu onest fil-bini tal-iskola u kull meta jattendu għall-attivitajiet tal-iskola.

· Il-ġenituri li jgħixu separati minn uliedhom m'għandhomx jużaw l-iskola bħala l-post fejn jiltaqgħu ma' wliedhom. Jittieħdu l-passi neċessarji kull meta jiġri dan.

· Il-ġenituri m'għandhomx iħallu lil uliedhom jużaw mezzi ta' komunikazzjoni li mhumiex permessibbli għall-età tagħhom,fosthom *Facebook, Tiktok, Snapchat,* eċċ*.*

· Il-ġenituri għandhom joqogħdu attenti meta uliedhom ikunu qed jużaw l-internet minħabba *sites* li ma jkunux adattati għat-tfal u anke minħabba ċ-*chatting.*

· Meta t-tifel/tifla għal raġunijiet personali ma jkunx/tkunx jista'/tista' jilbes/tilbes l-uniformi, il-ġenituri għandhom jinfurmaw b'dan lil xi ħadd mill-SLT u lill-għalliema tal-klassi.

**Il-ġenituri għandhom jikkoperaw mal-iskola fuq politika dwar:**

* ikel nutrittiv,

* basktijiet tal-iskola,

* kodiċi ta' lbies u mġiba,

* attendenza regolari - il-ġenituri għandhom jinfurmaw l-iskola dwar mard jew assenza temporanja u jibagħtu ċertifikat mediku f'każ ta' mard jekk dawn jagħmlu tlitt ijiem u aktar. Dawk il-ġenituri li uliedhom ikunu morda għal ġurnata jew tnejn għandhom jibagħtu nota lill-għalliema tal-klassi fuq TEAMS.

· F'għeluq sninhom, min irid ifakkar dan il-jum jista' jibgħat xi ħaġa żgħira tal-ħelu imgeżwra individwalment jew xi oġġett żgħir, eż: *wafer,* lapes eċċ. F'din il-ġurnata, l-istudenti jistgħu jiġu lebsin ***Casual.***

·Inviti għall-festini ma jistgħux jitqassmu fl-iskola.

## MIŻURI BIEX TINŻAMM L-ORDNI

Il-ġenituri jiġu infurmati mill-ewwel dwar imġiba ħażina mwettqa minn uliedhom li tkun serja jew gravi, u l-koperazzjoni tagħhom hija meħtieġa biex l-azzjoni ħażina tiġi rimedjata.

· L-għalliema jużaw skema ta' dixxiplina fil-klassi tagħhom ibbażata fuq inkuraġġiment bil-għan li t-tfal ikollhom imġiba tajba.

· Fejn jiġi nnutat li t-tfal mhux qed jagħmlu x-xogħol tad-dar ta' spiss, l-iskola tibgħat għall-ġenituri / kustodji legali tagħhom biex wieħed jiddiskuti x'jista' jsir għall-ġid tal-istudent.

## L-UNIFORMI:

### *Fis-sajf:*

**Subien**: *Polo-shirt* bil-*logo* tal-iskola u *shorts beige*, kalzetti qosra *beige* u żarbun/sandli kannella, basket tal-iskola blu *plain*.

**Bniet**: Libsa *checked* sa ftit 'il fuq mill-irkoppa, kalzetti qosra *beige*, żarbun/sandli kannella, *hair-band* ħamra u basket tal-iskola blu *plain*.

### *Fix-xitwa:*

**Subien**: Qmis *beige*, ingravata *striped*, *pullover v-neck* blu bil-*logo* tal-iskola, qalziet blu, ġakketta blu tal-iskola, kalzetti *beige* u żarbun jew *boots* kannella.

**Bniet***:* Qmis *beige*, ingravata *striped*, *pinafore* blu, kalzetti jew *tights beige* li għandhom ikunu twal sa ftit 'l isfel mill-irkoppa, *pullover v-neck* blu bil-*logo* tal-iskola, ġakketta blu tal-iskola, kalzetti *beige* u żarbun jew *boots* kannella.

## P.E.

### *Fis-sajf*

**Subien**: Flokk maroon bil-*logo* tal-iskola u *shorts* blu. Kalzetti bojod u qosra u *trainers* abjad.

**Bniet**: Flokk maroon bil-*logo* tal-iskola, *shorts* tal-iskola blu bil-*flap* fuq quddiem, kalzetti bojod u qosra u *trainers* abjad.

### *Fix-xitwa:*

**Subien u Bniet**: *Tracksuit* blu bil-*logo* tal-iskola u *poloneck* abjad jew il-*maroon* u ġakketta blu tal-iskola. Kalzetti bojod u *trainers* abjad.

## REFERENZI


Healthy Eating Lifestyle Plans—Education Division (2007)
https://www.education.gov.mt/MediaCenter/Docs/3_healty%20eating.pdf
Politika Dwar l-Imġiba tajba u d-Dixxiplina għall-Iskejjel — Ministeru tal-Edukazzjoni (2001)
https://www.education.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_politika%20dwar%20l-imgieba%20tajba.pdf

School Attendance improvement—Ministry of Education (2005)
https://www.education.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_school_attendance_improvement.pdf

Teachers' Code of Ethics and Practice—Ministry of Education and Employment (2012)
https://www.education.gov.mt/mediacenter.ashx?file=MediaCenter/Docs/1_Code%20of%20Ethics%20Doc%20MT.pdf

Good Behaviour, Discipline Policy in Schools. Ministry of Education 2001.

Teachers' Code of Ethics and Practice. Ministry of Education and Environment 2012.